iqanqal ukoll lill-poeti biex ixandru r-riżoluzzjonijiet tad-diffikultajiet permezz ta' tekniki ġodda u simboliżmu ġdid". Dan il-kaos ma jħallix żmien lill-poeta biex jistaħja fil-pompi u ċirkustanzi. Illum kulħadd imgħaġġel, kollox għaddej imlebbet. Il-ħajja hi mferfxa bla serħan u billi l-poeżija hi l-espressjoni tal-ħajja, il-poeżija wkoll hija ħarkiena u ġerrejja. Ara "Qsim il-Qalb", poeżija ta' suġġett monitorju li l-poeti antiki kienu jieħdu xi tliet paġni għalih, mill-poeta tagħna ħareġ bħal leħħa ta' berqa u jinqara f'nofs minuta. Hekk ukoll fil-poeżija "Ifhem", f'ħames versi ta' ħames kelmiet hemm miġburin l-episodji prinċipali tal-Passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu.

*"Għajjruh,*
*neżżgħuh,*
*sawwtuh,*
*muġugħ*
*sallbuh."*

Jista' wieħed ikun aktar konċiż?

Fil-ktieb hemm ukoll poeżiji bi strofa waħda ta' erba' jew ftit aktar versi li qishom "tabloid", għax fihom sustanza konċentrata. Ħsieb għoli, sejħa qawwija, tagħlima fejjieda, idea filosofika mirqumin ħafif, miġburin f'espressjoni faċli u miktubin f'versi li jolqtu l-immaġinazzjoni. Araw kemm hi konkreta din l-idea mfissra f'poeżija ta' erba' versi taħt it-titlu ta' "*Għajn In-Nies*".

*"Kienet ninfa, il-ġmiel tal-ġmiel*
*Mill-maltemp tal-ħalel qliel*
*Fuq l-art mill-fliegu telgħet ferrieħa*
*— 'Ma dbielet u mietet bla mistrieħa".*

Dawn li ktibt huma ftit ħsebijiet li għaddewli minn moħħi fil-waqt li kont naqra l-ktieb "M'hemmx Serħan" u tassew, ngħid għalija, ma kellix serħan qabel qrajtu mill-ewwel sa l-aħħar, għax ladarba bdejtu ħassejt li kelli nispiċċah bla telf ta' żmien. Jiena ħadt pjaċir b'dan l-aħħar xogħol poetiku tas-Sur Vella Tomlin u għalhekk inħajjar lill-qarrejja oħra biex huma wkoll igawdu dan il-kteb ta' versi sbieħ

G.

## NGĦINUHOM . . .

**Niftakru f'ħutna ta' l-Eġittu li għandhom bżonn tal-għajnuna tagħna.**